

**MEDIA 2007 — ŻVILUPP, DISTRIBUZZJONI, PROMOZZJONI U TAĦRIĠ****Sejħa għal proposti —EACEA/36/08****Appoġġ għan-netwerking u l-mobilità ta' studenti u ħarrieġa fl-Ewropa**

(2009/C 31/11)

**1. Għanijiet u deskrizzjoni**

Dan l-avviż ta' sejħa għall-proposti huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007).

Wieħed mill-għanijiet tal-programm huwa li jħeġġeġ l-iskambji u l-kooperazzjoni, li jappoġġja n-netwerking ta' dawk l-Ewropej involuti fit-taħriġ, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ u l-imsieħba tas-settur awdjoviżiv. Għandu l-għan ukoll li jħeġġeġ il-mobilità tal-istudenti u l-ħarrieġa fl-Ewropa.

**2. Applikanti eliġibbli**

Dan l-avviż huwa immirat lejn konsorzji pan-Ewropej ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ u l-imsieħba tas-settur awdjoviżiv li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-għanijiet tal-programm MEDIA msemmija hawn fuq kif deskritt fid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-applikanti għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

- is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea,
- il-pajjiżi tal-EFTA, l-Iżvizzera u l-Kroazja.

**3. Azzjonijiet eliġibbli**

Dawn l-azzjonijiet li ġejjin u l-attivitajiet tagħhom, li jseħħu fil-pajjiżi MEDIA, huma eliġibbli.

Azzjonijiet immirati lejn l-iżvilupp tal-kapaċità tal-professionisti awdjoviżivi futuri biex jifhemu u jintegraw dimensjoni Ewropea f'xogħolhom billi jtejbu l-għarfien espert fl-oqsma li ġejjin:

- taħriġ fil-ġestjoni ekonomika, finanzjarja u kummerċjali,
- taħriġ f'teknoloġiji awdjoviżivi ġodda,
- taħriġ fl-iżvilupp tal-proġett tal-iskripts.

It-tul tal-azzjoni (kemm iddum l-eliġibilità tal-ispejjeż) huwa ta' 12-il xahar (sa massimu ta' 18-il xahar meta jkun hemm ġustifikazzjoni xierqa).

L-azzjoni trid issir bejn l-1 ta' Settembru 2009 u t-30 ta' Ġunju 2011.

**4. Kriterji għall-għoti**

Il-punti għall-applikanti eliġibbli se jiġu allokat i minn total ta' 100 abbażi tal-kunsiderazzjonijiet li jmiss:

- il-kwalità tal-kontenut tal-attività (20 punt),
- il-ġestjoni tal-proġett (20 punt),
- il-kwalità tal-konsorzju (20 punt),
- id-dimensjoni Ewropea (20 punt),
- l-impatt (20 punt).

**5. Baġit**

Il-baġit totali disponibbli huwa ta' EUR 1 900 000.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja li tingħata hija sussidju. L-assistenza finanzjarja mill-Kummissjoni ma tistax taqbeż il-50 % jew il-75 % tal-ispejjeż kollha eliġibbli.

L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li ma tallokax il-fondi kollha disponibbli.

**6. Skadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva (EACEA) mhux aktar tard mis-**27 ta' Marzu 2009** u f'dan l-indirizz:

**Education, Audiovisual and Culture Agency (EACEA)**  
**Call for proposals EACEA 36/2008/"MEDIA Support for the networking and mobility of students and trainers in Europe"**  
**Mr Constantin Daskalakis**  
**BOUR 03/30**  
**Avenue du Bourget 1**  
**B-1140 Brussels**

L-applikazzjonijiet ippreżentati fuq il-formola tal-applikazzjoni uffiċjali, iffirmati kif dovut mill-persuna intitolata li tidħol għal impenji li jorbtu legalment għan-nom tal-organizzazzjoni li qed tapplika biss jiġu aċċettati.

Applikazzjonijiet mibgħuta b'fax jew email ikunu rifjutati.

**7. Tagħrif sħiħ**

It-test kollu tal-linji gwida flimkien mal-formoli tal-applikazzjoni huma disponibbli f'dan l-indirizz:

[http://ec.europa.eu/information\\_society/media/exhibit/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/information_society/media/exhibit/index_en.htm)

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mat-termini kollha tal-linji gwida, jintbagħtu fuq il-formoli pprovduti u jkun fihom l-informazzjoni u l-annessi kollha speċifikati fit-test tas-sejħa.

---